MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 417/2003

Yellow Pages (Malta) Limited
vs
Jurgen Neumann, Sven Neumann, Samantha Statton u Hotelmedia Limited u b'digriet tat-2 ta' Settembru 2003 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Planet Soft Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha eccepiet:

Illi s-socjeta` attrici tipproduci u tqassam mas-suq Malti, il-"Yellow Pages".
Illi dan il-prodott huwa debitament kopert bil-*copyright* ai fini u effetti kollha tal-Ligi, liema dritt jinsab riservat favur is-socjeta` attrici f'posizzjoni prominenti fuq il-"Yellow Pages".

Illi l-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com joffru l-istess tip ta' servizz

bhall-“Yellow Pages”, u li kwindi huma f’kompetizzjoni diretta mas-socejta` attrici.

Illi in forza ta’ ftehim datat 28 ta’ Gunju 2002, is-socjeta` konvenuta Hotelmedia Ltd. akkwistat minghand il-konvenuti Jurgen u Sven Neumann (u International Commerce & Services Ltd.) kull interess u drittijiet li dawn seta’ kellhom fil-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com.

Illi *ciononostante*, l-imsemmija *websites* ghandhom illum taht il-kontroll tal-konvenuti Jurgen u Sven Neumann, flimkien mal-konvenuta Samantha Statton, kif ser jigi ippruvat f’aktar dettal fil-kors ta’ din il-kawza.

Illi l-imsemmija *websites* jikkontjenu, u sahansitra huma maghmula mill-kontenut tal-“Yellow Pages” debitament kopert mill-*copyright* tas-socjeta` attrici, stante li dan gie mehud, modifikat u f’certu kazijiet riprodott *ad litteram* fl-imsemmija *websites*, tant illi jikkontjeni zbalji intenzjonati li s-socjeta` attrici tinserixxi bi skop fil-“Yellow Pages”, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi tali uzu ta’ din il-proprjeta` huwa permissibbli biss bl-approvazzjon bil-miktub mis-socjeta` attrici, liema permess qatt ma nghata lil hadd, u huwa altrimenti espressament ipprojbit sew *in toto* u *in parte* mis-socjeta` attrici, kif ukoll mil-Ligi.

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, kienu ben konxji tas-sors tal-materjal, u li l-istess huwa kopert bil-*copyright* favur is-socjeta` attrici u ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghall-ksur flagranti tad-drittijiet ta’ l-awtur tas-socjeta` attrici f’dan ir-rigward, skond il-Kap 415.

Illi inoltre s-socjeta` attrici hija sid it-*trade names* “yellow pages” u “white pages”, debitament registrati favur taghha mal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali, liema registrazzjoni tillimita l-uzu ta’ dan il-kliem b’mod generali favur l-istess socjeta` attrici.

Illi ghalhekk il-prezenza tal-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com, qeghdin jiksru wkoll id-drittijiet intellettwali tas-socjeta` attrici, ghal liema ksur huma unikament responsabbli l-konvenut jew min minnhom.

Illi di piu`, is-socjeta` ilha prezenti u stabbilita fis-suq Malti, bhala sinonima mal-prodott “Yellow Pages”, u dan ferm qabel ma tfaccat il-*website* www.yellowpagesmalta.com.

Illi isem l-istess *website* ghandu somiljanza netta ma’ isem is-socjeta` attrici, tant illi diversi klijenti taghha ikkonfondewha mal-istess *website*.

Illi ghalhekk fejn si tratta tas-sit www.yellowpagesmalta.com, il-konvenuti jew min minnhom, huma wkoll hatja ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` attrici sofriet danni ingenti kagun ta' dan l-abbuz, li ghalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti jew min minnhom.

Illi ghalhekk hu essenzjali ghal interess tas-socjeta` attrici li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu zvestiti minn kull interess, uzu u kontroll li ghandhom prezentement fl-imsemmija *website*, u dan permezz tad-distruzzjoni taghhom jew tac-cessjoni taghhom favur is-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li r-riproduzzjoni, modifikazzjoni jew uzu iehor li sar, u li ghadu jsir mill-"Yellow Pages" jew partijiet minnu, fuq il-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet ta' *copyright* tas-socjeta` attrici, skond il-Kap 415.

2. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-ksur surriferit.

3. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici kagun tal-ksur surriferit.

4. Tillikwida dawn id-danni, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz, izda mhux biss, il-flagranza u l-beneficcju derivat minn dan l-abbuz, a tenur ta' l-artikolu 43 (2) tal-Kap 415, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata, jew jekk ikun il-kaz, li thallas il-penali talvolta applikabbli taht l-artikolu 43 sub-inciz 1 tal-Kap 415.

6. Tiddetermina l-profitti kollha tal-konvenuti, jew min minnhom, derivanti mill-ksur surriferit, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex jirrisarcixxu lis-socjeta` attrici bl-imsemmija profitti li talvolta jirrizultaw a tenur ta' l-artikolu 43 (1) ta' l-istess Kap 415.

8. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex iroddu lil, icedu u jittrasferixxu favur is-socjeta` attrici, il-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com, u kull materjal iehor relatat, a tenur ta' l-artikolu 43 (3) tal-Kap 415.

9. Tiddikjara *inoltre*, lill-konvenuti, jew min minnhom, hatja tal-ksur tad-drittijiet intelletwali tas-socjeta` attrici, minhabba l-uzu abbusiv tal-kliem "yellow pages" u "white pages", a tenur tal-Kap 416.

10. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihassru jew jiddistruggu l-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com, a tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kap 416, jew skond il-kaz, li jcedu u jittrasferixxu favur is-socjeta` attrici l-istess *websites*, a tenur ta' l-artikolu 16

tal-Kap 416, taht dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa ghal dan il-ghan.

11. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici kagun ta' dan il-ksur, okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi.

12. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somom hekk likwidati, in linea ta' danni.

13. Tiddikjara fl-ahharnett, lill-konvenuti jew min minnhom, hatja ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta` attrici, minhabba s-somiljanza netta f'isem is-sit www.yellowpagesmalta.com, mal-isem u l-prodott tas-socjeta` attrici, u dan a tenur ta' l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc.

14. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici kagun tal-konkorrenza zleali indikata, okkonendo bil-hatra ta' periti nominandi, kif ukoll tordna t-tnehhija, distruzzjoni, jew trasferiment favur is-socjeta` attrici, tal-*website* www.yellowpagesmalta.com, entrambi a tenur ta' l-artikolu 37 (1) tal-Kodici tal-Kummerc.

15. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata, in linea ta' danni.

16. Tinibixxi definittivament lill-konvenuti jew min minnhom milli juzaw, jiggestixxu, jippromwovu, jittrasferixxu lil terzi, salv is-suespost, ibieghu reklamar lill-pubbliku rigward l-imsemmija *website* kif ukoll milli jhassru, ivarjaw jew jaghtu dettalji jew informazzjoni mill-istess *website*.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat kontestwalment bl-istess ismijiet, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma gew ingunti ghas-subijzzjoni, u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` attrici fil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Jurgen Neumann li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez u dana stante li dak illi qed jigi allegat mill-atturi mhux minnu u ma ghandu ebda bazi fattwali kif ukoll legali.

2. Illi fl-ewwel lok il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur, stante illi huwa mhuwiex il-proprjetarju tad-*domain names* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni tal-ksur tad-drittijiet ta' *copyright*, dan mhux minnu, mhux biss ghaliex ma sar ebda riproduzzjoni da parti tal-konvenut, izda wkoll ghaliex id-direttorju ta' l-atturi mhux kopert minn *copyright ai termini* tal-Kap 415 tal-ligijiet ta' Malta u cioe` l-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (*Copyright*).

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kumpilazzjoni tal-kontenut tal-*websites* fuq imsemmija kienet primarjament f'idejn is-socjeta` International Commerce & Services Ltd.

5. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni da parti ta' l-atturi li il-konvenut huwa hati ta' ksur tad-drittijiet intellettwali tas-socjeta` attrici, minhabba l-allegat uzu abbusiv tal-kliem "*yellowpages*" u "*whitepages*", fl-ewwel lok ghandha ssir il-prova li d-drittijiet vantati mill-atturi fil-fatt jezistu.

6. Illi l-konvenut kien beda juza l-kliem "*yellowpages*" u "*whitepages*" qabel l-atturi u ghalhekk abbazi tal-kuncett ta' l-hekk imsejha "*prior use*" il-konvenut ghandu d-dritt illi jibqa' jaghmel uzu mill-istess kliem, anzi

qieghed jirriserva d-dritt ta’ kull azzjoni spettanti lilu sabiex il-kliem fuq imsemmija jithassru minn fuq ir-registru tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Intellettwali.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kliem “*yellowpages*” u “*whitepages*” huma kliem ta’ uzu komuni u ghalhekk la l-atturi u la hadd ma jista’ jivvanta xi dritt ta’ uzu esklussiv fuq l-istess kliem.

8. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni li kien hemm xi konkorrenza zleali da parti tal-konvenut dan mhux minnu, u dan ghaliex ma kien hemm ebda konkorrenza diretta bejn il-partijiet.

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk kien hemm xi konkorrenza zleali dina kienet da parti ta’ l-atturi, u dana ghaliex meta xi snin wara li l-konvenut kien hareg bl-idea ta’ *website*, l-atturi ghamlu *website* wkoll, u sahansitra biddlu l-isem tal-kumpanija taghhom minn Ark Publishing Limited ghal Yellow Pages (Malta) Ltd. bl-idea cara li jikkreaw konfuzjoni f’mohh il-konsumatur.

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 32 tal-Kap. 13 titkellem fuq “*trader*” u l-konvenut ma jinkwadrax taht id-definizzjoni ta’ “*trader*” u ghalhekk l-istess artikolu ma tistax tigi applikata fil-konfront tieghu.

11. Illi in vista tas-suespost il-konvenut mhux responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-atturi, anzi huwa hu li qieghed isofri danni kwotidjani, u dana minhabba l-agir da parti ta’ l-atturi, u ghaldaqstant il-konvenut irriserva d-dritt ta’ kull azzjoni spettanti lilu kontra l-atturi ghad-danni.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti Samantha Statton, Sven Neumann u tas-socjeta` kjamata fil-kawza li biha eccepew:

1. Illi fll-ewwel lok l-isem ufficjali tal-konvenuta Samantha Statton hawn Malta huwa ta’ Maria Dolores Buttigieg kif jidher mill-karta tal-identita` taghha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra taghhom u dana *stante* li ebda wiehed mill-konvenuti ma wettqu xi ksur tad-drittijiet allegati mill-atturi u ghalhekk qatt ma jistghu jinsabu responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi.

3. Illi l-konvenuti qatt ma kienu la s-sidien tal-*websites*, lanqas operaw il-*websites* u lanqas ma kellhom ebda profitt jew introjtru mill-imsemmija *websites*.

4. Illi in kwantu jirrigwarda s-socjeta` kjamata fil-kawza Planet Soft Limited din giet iffurmata ftit granet qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna u qatt ma kellha x’taqsam mal-*websites* in kwistjoni, u prezenzjalment il-konvenuti u s-socjeta` kjamata fil-kawza jirriservaw id-drittijiet ta’ kull azzjoni lilhom spettanti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Irrizulta li Hotelmedia Limited, ghalkemm notifikata kif jirrizulta a fol 54 u 61, baqghet kontumaci.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Jason Leigh Gafa’</u> fejn fih semma li hu jahdem mal-Yellow Pages (Malta) Ltd. Semma li fl-2001 meta kien ghadu fil-kariga ta’ *sales*

*executive* mal-istess kumpanija, kien mar il-Bank of Valletta, fil-fergha tal-Preluna Towers, tas-Sliema. Hemmhekk kienet tahdem habiba tieghu u li kienet taf li hu kien jahdem mal-Yellow Pages. Waqt li kienu qed jitkellmu, qaltlu li ftit taz-zmien qabel kien mar ghandha kollega tieghu Germaniz. Gafa` kien irrimarka li ma kellhom lil hadd ta' nazzjonalita` Germaniza jahdem maghhom. Il-habiba tieghu kienet qaltlu li ma jistax ikun ghaliex dan kien qalilha li jahdem mal-Yellow Pages, u li kien jafu. Hija kienet stqarret mieghu li x'hin qaltlu li hi kienet tafu, hu ikkonfermalha li jafu wkoll. Sostna li minn mindu kien ilu jahdem mal-Yellow Pages (Malta) Ltd, qatt ma kien jaf Germanzi jahdmu mieghu. Ma setax jifhem kif din il-persuna setghet tghid li tafu fuq ix-xoghol, ghaliex dan mhux minnu.

Gie prezentat affidavit ta' Nicholas Soler, *Managing Director* ta' Yellow Pages (Malta) Limited. Semma li ilu f'din il-kariga ghal dawn l-ahhar tliet snin u nofs fejn qabel kien jokkupa l-kariga ta' Direttur fis-*Sales & Marketing* ghal diversi snin. Ikkonferma d-dikjarazzjoni li ghamel mac-citazzjoni. Qal li l-kumpanija taghhom tipproduci d-direttorju tal-*Yellow Pages* u ilhom jaghmluh ghal dawn l-ahhar tmien snin. Spjega l-kwantita` ta' xoghol necessarju biex jigi prodott id-direttorju, li jsir bil-*free listing* u jikkomprendi madwar 13,500. Semma li ghandhom *staff* komplessiv ta' 42 persuna, li jahdmu *full time*.

Semma wkoll li huma ghandhom sistema ta' *spikes* biex jaqbdu lil min ikun qieghed jikkopja l-prodott taghhom. Dawn huma zbali inkluzi apposta fil-ktieb bhal idahhlu isem ta' kumpanija li ma tezistix. L-isem ikun ivvintat minnhom, u kwindi ma jkun jista' jinsab imkien iehor. Qal li bis-sahha ta' dawn l-i*spikes* kienu skoprew kaz ta' kkupjar tal-ktieb taghhoma, precizament dak tas-sena 2001, fuq iz-zewg *websites* in kwistjoni. F'dawn is-siti kienu ntuzaw il-prodott u l-materjal taghhom li kien kopert bil-*copyright*. Semma li l-istess *spikes* kienu jinsabu hemm u dan ta' bilfors li kienu gew mill-edizzjoni tal-Yellow Pages 2001. Ghamel riferenza ghall-ismijiet elenkati fid-"Dok YP2" li kienu kollha ismijiet ta' negozji

fittizji u li kienu gew ivvintati minnhom u mqeghdin fil-ktieb apposta. Sostna li hu impossibbli li l-istess ismijiet jitfaccaw fuq dawn il-*websites*, jekk mhux ghax gew ikkupjati. Zied jghid li l-kumpanija taghhom qatt ma tat awtorizzazjoni lil hadd biex dan isir. Ghalhekk dawn kienu gew mehuda minghajr il-kunsens taghhom u anke minghajr ma kienu jafu. Huma deherilhom li s-somiljanza fl-isem tas-sit mal-isem u l-prodott taghhom, seta’ jikkrea konfuzjoni fis-suq. Qal li kien hemm diversi okkazjonijiet fejn il-*website* in kwistjoni ikkreat konfuzjoni u ta diversi ezempji ta’ dan.

Ikkonferma wkoll li l-kumpanija taghhom ghandha registrata favur taghha l-kliem "*Yellow Pages*" u "*White Pages*". Mill-investigazzjoni li ghamlu irrizulta li dawn il-*websites* kienu mmexxija minn kumpanija International Commerce & Services Limited, u mill-konvenuti Jurgen u ibnu Sven Neumann. Sussegwentement dawn ittrasferewhom lil Hotelmedia Ltd, permezz tal-kuntratt Dok YP1, izda dawn baqghu fil-kontroll effettiv tal-konvenuti Neumann, u wara anke ta’ Samantha Statton.

Il-kontroll baqa' f’idejn il-konvenuti Samantha Statton, Jurgen u Sven Neumann u dan huwa konfermat ukoll fuq l-istess *websites*, li minn zmien ghal zmien taw indikazzjoni ta' *contact persons*. Qal ukoll li aktar ricenti kienet saret bidla ohra. L-istess siti bdew jindikaw lill-kumpanija Planet Soft Ltd u wara li fethu l-kawza kien irrizulta li Planet Soft Ltd kienet ghadha kif giet iffurmata fl-istess xahar. Ghalhekk kienu talbu li din tidhol fil-kawza wkoll, kif fil-fatt gara. Zied jghid li mill-*Memarandum & Articles* ta' din il-kumpanija sabu Ii kien hemm l-istess nies warajha, cioe` Sven Neumann u Samantha Statton, li ghal xi raguni kienet bidlet isimha ghal Maria Dolores Buttigieg.

Qal ukoll li l-ezistenza tal-*websites* in kwistjoni ikkagunat hsara kbira lill-kumpanija taghhom mil-lat ta’ *image*. It-tmexxija ta' dawn is-siti m’hi xejn professjonali u din wasslet ukoll ghal hsara. Qal li meta tikkunsidra l-isforzi u spejjez kbar li ghamlu biex jilhqu u jzommu livell gholi u professjonali, ma jhossx li huwa gust li xi hadd ihammeg l-isem tajjeb li akkwistat il-kumpanija taghhom.

Gie prezentat affidavit ta' Clive Camilleri fejn fih semma li hu habib ta' Kurt Soler u ghalhekk kienu ftehmu li javvicina lil certu Jurgen Neumann bl-iskuza li ried jirreklama fuq il-*website* www.yellowpagesmalta.com. Semma li ghamel kuntatt ma’ dik il-persuna, ftehmu u ltaqghu. Qallu x'ried, u s-Sur Neumann kien tah formola li kienet intestata bl-isem tal-*website* li kien qed imexxi, cioe' www.yellowpagesmalta.com u esebixxa kopja taghha. Qal li apparti li rregistra d-dettalji ghar-reklam, dik il-formola serviet ukoll bhala ricevuta. Kien hallsu Lm99.00 permezz ta' cekk, bhala *subcription* ghal sena fuq il-*website* li semma. Is-Sur Neumann kien ha l-flus u ffirma r-ricevuta mbaghad wara l-flus kienu gew rifuzi lilu minn Kurt Soler, skond kif kienu qablu.

Gie prezentat affidavit ta' Franco Mizzi, Direttur tas-socjeta` Strand Electronics Limited li peress li ried jaghmel reklam kienu uzaw il-*website* www.yellowpagesmalta.com ghal dan il-ghan. Kienu tkellmu ma’ Jurgen Neumann u l-mizata ghar-reklamar kienet ta' Lm79.00 fis-sena li kienu hallsuha. Esebixxa dokument a fol 109 bl-*entry hits* fuq il-*website*.

Gie prezentat affidavit ta' Kurt Soler, Direttur tal-kumpanija Yellow Pages Malta Limited, li tipproduci u tqassam il-ktieb "Yellow Pages" ma’ Malta u Ghawdex. Hu ikkonferma dak li qal huh Nicholas Soler fl-affidavit tieghu u zied jghid li d-dokument NS1 esebit jirrifletti l-ispejjez totali li taghmel il-kumpanija taghhom kull sena, sabiex tigbor il-*listings* kollha li jidhru fil-ktieb. Zied jghid li l-konvenuti evitaw l-ispejjez kollha peress li m'ghaddewx mill-process intensiv u *expensive* li jghaddu minnu huma kull sena. Qal li l-*listings* fuq il-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com huma taghhom u huma mehuda mill-ktieb taghhom. Din giet konkluza minn provi irrifutjabbli u rrefera ghall-i*spikes* li semma' Nicholas Soler fl-affidavit tieghu.
Huma kkalkolaw li huma mehtiega tal-inqas 10 *sales reps* ghal 190 gurnata sabiex jigbru d-*data* relattiva. Qal li l-konvenut ghandhom igibu prova li ghamlu tali spejjez, u jgibu l-*booking orders* jew prova ohra simili.

Qal li d-dhul taghhom hu mir-reklami li jaghmlu l-klijenti fuq il-prodott taghhom. Spjega li whud mill-klijenti li jkunu *listed* ikunu jixtiequ xi ftit aktar prominenza mill-kompetitur taghhom u ghalhekk jixtru riklam fil-ktieb. Qal li bl-istess mod il-konvenuti kienu ggeneraw dhul mir-riklami li jidhru fuq il-*websites* imsemmija. Huwa stima li l-konvenuti kienu dahhlu ’l fuq minn Lm70,389 fis-sena minn bejgh ta’ riklami simili. Dan ikkalkolawh minn *snapshot* tas-sit li kienu hadu fil-15 ta’ Novembru 2002 fejn juri 711 riklam. Semma li, li kieku l-klijenti ma irreklamawx fuq is-siti in kwistjoni, kienu jirreklamaw maghhom. Spjega kif l-*entries* taghhom servew bhala *database* essenzjali ghas-siti tal-konvenuti u li bis-sahha t’hekk ghamlu gwadann.

Semma li hu jiehu hsieb l-affarijiet tal-kumpanija li ghandhom x'jaqsmu ma’ *trade marks* u *trade names* u huma ghandhom diversi ismijiet u marki registrati favur taghhom mal-Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali. Fosthom semma l-*logo* maghruf bhala l-"Walking Fingers" li kien gie registrat favur taghhom fl-1996 fejn esebixxa kopja tac-certifikat relattiv. Semma wkoll l-ismijiet "white pages" u "yellow pages" li wkoll kien gew registrati favur taghhom u esebixxa diversi kopji ta’ cerifikati f’dan ir-rigward.

Gie prezentat affidavit ta' John Muscat, *Financial Controller* mal-Yellow Pages (Malta) Limited. Fih iddikjara li l-ezercizzju msemmi fid-dokument immarkat "Dok. NS1" u prezentat minn Nicholas Soler, kien sar minnu u l-iskop kien biex jaghmel kalkolu ta’ l-ispiza li tinkorri l-kumpanija taghhom ghall-Basic Entries ghas-sena 2003. Semma li s-sors tal-figuri ewlenin f’dan il-kalkolu kienu l-kotba ta’ l-*accounting* taghhom stess, liema kotba kienu gew debitament *audited* skond il-*Companies Act* 1995, u ppreparati *ai termini* ta’ l-*International Financial Reporting Standards*.

Hu ra l-element ta’ persentagg (%) tal-*Basic Entries* fil-ktieb, is-salarji ta’ ghaxar *sales representatives*, *text inputter* u *accounts clerk* taghhom, a bazi ta' dak sottomess lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni skond ir-regolamenti tal-FSS. Hares ukoll lejn l-*amortisation* tal-

karozzi li uzaw is-*sales reps* taghhom. Qal li dan huwa kalkolat fuq il-prezz li bih inxtraw dawn il-vetturi, nieqes il-VAT, u sussegwentement *written off* wara hames snin. Minhabba l-ammont ta' *mileage*, perjodu ta' hames snin huwa meqjus bhala l-ahjar terminu ekonomiku li wiehed ghandu jzomm vettura simili. Ra l-*fuel allowance* bazat fuq dak li kien jigi moghti lis-*sales reps, is*-service, manutenzjoni, assikurazzjoni u licenzji ta' 10 vetturi. Ra wkoll l-*Overhead Absorption* li huma parti mill-ispejjez amministrattivi tal-kumpanija ghandhom jigu assenjati wkoll ghall-otteniment tal-*Basic Entries*. Sostna li ghalhekk mhux l-ispejjez amministrattivi kollha kienu gew inkluzi, peress li whud biss jistghu jitqiesu li saru direttament jew indirettament, ghall-*Basic Entries*.

Zied jghid illi f'dawn il-kalkoli kienu gew eskluzi s-salarji tad-diretturi, salarji ohra mhux imsemmija, spejjez legali u professjonali, spejjez ta’ ivvjaggar, licenzji, reklamar, *commissions, surveys, bad debts*, konsulenzi, riparazzjonijiet u manutenzjoni. Semma li huma jipproducu biss il-ktieb "*Yellow Pages*", u ghalhekk kull spiza hija diretta lejn dan il-prodott. L-ispejjez li semma jistghu facilment, ghalkemm b'mod indirett, jitqiesu bhala parti mill-*cost* ghall-*Basic Entires* izda dawn ma ttiehdux in konsiderazzjoni ai fini ta’ l-ezercizzju. Qal li l-figuri li wasal ghalihom tenut kont biss l-ispejjez diretti u dawk ta' *overheads*, u ma inkludiex spejjez ohra relatati indirettament. Il-figura ta’ Lm140,434 li wasal ghaliha fid-"Dok. NS1" hija konservattiva. Dan wassal ghal *total direct costs* ta’ Lm91,663 u *share of company Operational and Overhead expenses* Lm48,771 b’total ta’ Lm141,434.

Gie prezentat affidavit bl-Ingliz ta’ <u>Jurgen Neumann</u> fejn fih semma li hu ta’ nazzjonalita` Germaniza u gie Malta l-ewwel darba fl-1992 wara stedina tal-Malta Development Corporation. Dak iz-zmien kellu l-hsieb li jiftah fabbrika f’Malta li tipproduci partijiet ghal karozzi li jahdmu bl-elettriku. Semma li ghall-bidu hu ipprova jikkonvinci lill-investituri Germanizi biex jinvestu f’Malta. Imbaghad fl-1998 Dr. Joseph Pace avvicinah u in segwitu beda jahdem fuq progett “*Malta’s First Dining and Service Club*” fejn wiehed ikollu *discounts* fuq diversi servizzi meta jixtri

*booklet*. Dak iz-zmien din l-iskema kienet relattivament gdida ghal Malta u ghalhekk huma hasbu li jakkwistaw id-drittijiet fuq skema simili li kienet diga` giet offruta f'Malta bl-isem ta' "The Preferred Dining Club" li kienet giet introdotta f'Malta mill-Kanadiz Bert Kuehne li hu mizzewweg Maltija.

Gietu l-idea li jipproduci *database* u li jpoggiha fuq *website* pero` l-kumpanija ma tantx kienet sejra tajba specjalment ghax Dr. Pace ma kienx qed jiddedika hin sufficjenti. Sar *market research* u gie deciz li l-*listings* jigu kategorizzati u mhux imnizzla b'mod alfabetiku. Ghalhekk kien gie deciz li jsemmu l-prodott bhala Yellow Web Pages Malta & Gozo. Il-frazi Yellow Pages hija komunement uzata u hija definita f'diversi dizzjunarji, inkluz l-*Oxford Dictionary*, bhala "*Directory listing companies and organisations according to goods or services they offer*". Dak iz-zmien hadd ma kien qieghed joffri dan is-servizz fuq l-*internet*.

Imbaghad hu kien ivverifika jekk kienx hemm xi *trademark* registrat b'konnessjoni ma' affarijiet elettronici u t-tfittxija irrizultat fin-negattiv. Qal li s-socjeta` rikorrenti irregistrat it-trademark fl-2004. Iccekkja wkoll dwar id-domain names u huma ghazlu d-domain names www.yellowpagesmalta.com u www.yellowpagesgozo.com.

Minhabba li l-kumpanija International Commerce & Services Limited ma kelliex fondi bizzejjed biex thallsu hu kien accetta li jaqsam id-dhul tal-kumpanija bil-kundizzjoni li l-*copyright* tal-prodott u d-*domain names* jibqghu tieghu. Qal li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jkun *salesperson* imma peress li Dr. Pace naqas li josserva l-obbligazzjonijiet tieghu, ma kellux triq ohra hlief li johrog u jbigh ir-reklami lis-*service providers* f'Malta u Ghawdex.

Semma li l-progett kollu kien approvat minn Dr. Pace li apparti li kien il-*Managing Director* tal-kumpanija kien ukoll l-avukat taghha. Qal li peress li l-kumpanija ma kenitx taffordja li tqabbad *receptionist*, u ghalhekk is-*social partner* tieghu, Samantha Statton kienet offriet l-ghajnuna taghha fuq bazi volontarja u fil-fatt hi qatt ma thallset tas-

servizz li tat. Ms. Statton kienet tiehu hsieb biss it-telefonati li jidhlu. Qal li t-tifel tieghu Sven kellu x'jaqsam biss mal-aspett tekniku fuq il-*computers* billi jikkrea *software* u jmantnih.

Wara li ottjena *work permit*, kien qatta' sena jbigh il-*listings* ghall-*websites* in kwistjoni u kien biegh madwar 450 *entry* ghal kumpanija. Il-kuntratti kienu kollha iffirmati mill-International Commerce and Services Limited u bhala regola Dr. Pace kien jiffirma ghall-kumpanija. Wara li skadiet is-sena l-bejgh waqaf minhabba li hu ma setax johrog aktar ibigh u anki minhabba li Dr. Pace ma impjega l-ebda *sales representative*. F'din is-sitwazzjoni hu ma setax izomm ir-relazzjoni li kellu ma' Dr. Pace u ipprova jsib xi hadd li jinvesti fil-kuncett. Sa dan l-istadju ma sab lil hadd u iddecieda li jittrasferixxi l-proprjeta` tad-*domain names*, u ittrasferihom lill-habib tieghu Marin Medic li joqghod f'Zagreb, il-Kroazja, u sa fejn jaf hu dawn id-*domain names* ghadhom registrati fuq ismu.

Semma li bejn l-ahhar ta' l-2002 u l-bidu ta' l-2003 huma kienu rcevew ittra minghand l-avukat tal-kumpanija rikorrenti li kienet tghid li huma mhux intitolati li juzaw l-*icon* li hemm fuq il-website taghhom minhabba li kienet simili tal-*walking fingers logo* li juzaw huma. Qal li ma semma xejn dwar il-frazi "Yellow Pages". Sussegwentement, f'April 2003 kien ircieva ittra minghand l-avukat tal-Yellow Pages (Malta) Ltd fejn ghall-ewwel darba talabhom jieqfu juzaw il-kliem "Yellow Pages" peress li huma qalu li huma kienu l-proprjetarji tat-trademark "Yellow Pages", "Walking Fingers" u "White Pages" meta dawn fil-fatt kienu gew registrati bhala *trademark* f'April 2004. Zied jghid li l-kumpanija attrici allegat ukoll li hu kien qed jahdem f'isem il-kumpanija taghhom mal-klijenti u li kien ha informazzjoni mid-direttorju taghhom minghajr il-permess taghhom u ghalhekk kisru d-dritt tal-*copyright*. Qal li dawn l-allegazzjonijiet huma kollha infondati u mhux veritieri. Semma li hu fl-ebda stadju ma ippretenda li jahdem f'isem il-kumpanija rikorrenti u qatt ma ha l-informazzjoni msemmija. Kull darba li zar il-klijenti hu kien jenfasizza li

huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-Ark Publishing u l-ktieb Yellow Pages.

Qal li l-kumpanija attrici originarjament kien jisimha Ark Publishing Limited u bidlet isimha ghal Yellow Pages (Malta) Limited snin wara li huma ghamlu l-*website* www.yellowpagesmalta.com u kien f'dak l-istadju li n-nies bdew jassocjaw il-*website* taghhom mal-kumpanija attrici, u dan billi kienu semmew lill-kumpanija taghhom bid-*domain name* tal-konvenuti.

Dwar il-kontenut tal-*website* qal li parti mil-*listing* fuq il-*website* huma f'xejn u ohrajn le. Il-listi li wiehed kien ihallas ghalihom kienu aktar fid-dettal u setghu jaghmlu l-*logo* tal-kumpanija taghhom filwaqt li l-*listings* li kienu b'xejn kien aktar bazici. Semma li fl-ewwel tliet snin tal-*website* huma kien ghamlu formola u min kien interessat seta' jdahhal id-dettajli tieghu *online* minghajr hlas. L-iskop kien li jippruvaw jipprovdu lill-pubbliku kemm jista' jkun *listing*. Wara tliet snin kienu iddecidew li jnehhu l-*form* imsemmija minhabba li l-informazzjoni li jaghtu l-individwi ma kienux garantiti li huma korretti.

Gie prezentat affidavit bl-Ingliz ta' Sven Neumann, it-tifel ta' Jurgen Neumann. Qal li hu qatt ma kien il-proprjetarju jew l-operatur tal-*websites* in kwistjoni u qatt ma ghamel ebda profitt minnhom. Hu kien jistudja l-*Computer Science* fl-Universita` ta' Malta u f'dak iz-zmien missieru kien fin-negozju ma' Dr. Joseph Pace u huma kienu talbuh biex jghinhom jikkrejaw *website*. Semma li hu ma kienx zammilhom flus tas-servizz tieghu u hu qatt ma stenna li jircievi l-ebda hlas b'konnessjoni mal-*websites* in kwisjoni. L-involviment tieghu kien jikkoncerna biss l-aspett tekniku. Semma li l-informazzjoni li originarjament kienet giet imdahhla fil-*website* kienet provduta lilu. Sussegwentement, fil-*website* kien ghamel ghazla fejn persuna li kienet interessata, setghet iddahhal id-dettajli taghha direttament *online* minghajr il-bzonn ta' l-ghajnuna taghhom u dan kollu minghajr hlas. L-iskop kien li jippruvaw jipprovdu listi kemm jista' jkun u ghalhekk kull min jidhol fil-*web page* seta' jzid il-listi li kellu bzonn. Qal li l-informazzjoni f'dawn il-listi kienet bazika filwaqt li dawk il-

listi li kienu bi hlas kienu aktar dettaljati. Semma li eventwalment din l-ghazla kienet tnehhiet minhabba li ma kienx prattiku tivverifika jekk l-informazzjoni li jdahhlu l-individwi kenitx vera jew le. Ikkonferma li fl-ebda stadju ma ghamel uzu mill-informazzjoni fil-ktieb tal-Yellow Pages.

Gie prezentat affidavit ta' Maria Dolores Buttigieg sive Samantha Statton fejn fih semmiet li dak iz-zmien hi kienet *social partner* ta' Jurgen Neumann u damu flimkien ghal hafna snin. Semmiet li xi snin ilu Jurgen Neumann kien f'negozju ma' Dr. Joseph Pace u minhabba li ma kienux jifilhu jhallsu biex izommu ufficcju jew ihallsu haddiema, hi kienet offriet li ghal ftit sieghat fil-gimgha tiehu t-telefonati u dan minhabba li Jurgen kien ikun qed idur il-klijenti u fin-nuqqas tieghu ma kien hemm hadd li jaghmel dan ix-xoghol. Minhabba l-qaghda finanzjarja tal-kumpanija u minhabba r-relazzjoni li kellha ma' Jurgen, hi ma kenitx tithallas ghas-servizz li kienet taghti. Semmiet li hi kull ma kellha x'taqsam kien mat-telefonati u ma kenitx involuta fid-decizzjonijiet tal-kumpanija. Hi qatt ma kienet proprjetarja, ikkontrollat jew amministrat il-*websites* in kwistjoni. Il-kumpanija Planet Soft Limited kienet inkorporata fit-2 ta' April 2003 u hi d-direttur u l-unika azzjonista tal-kumpanija. Sostniet li l-kumpanija Planet Soft Limited ma ghandiex x'taqsam mal-*websites* in kwistjoni.

Giet prezentata kopja tal-*Memorandum* ta' Planet Soft Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Is-socjeta` attrici qed tfittex lill-konvenuti minhabba li tallega li dawn ghandhom il-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com minjabba li jsostnu li biex saru dawn il-*web pages* saret riproduzzjoni mill-konvenuti u li dan ikkostitwixxa ksur tad-drittijiet ta' l-awtur tas-socjeta` attrici, ghal liema ksur huma responsabbli l-konvenuti kif ukoll li l-konvenuti

ghandhom icedu dawn il-*websites*, li kien hemm vjolazzjoni tat-*trade marks* u konkorrenza zleali.

Min-naha taghhom, il-konvenuti Sven Neumann u Samantha Statton u Planet Soft ikkontestaw li ghandhom x'jaqsmu mat-talbiet ta' l-attrici, u fil-kaz ta' Neumann li l-fatti ma jwasslux ghall-allegazzjonijiet maghmula.

***D2. L-eccezzjoni li Jurgen Neumann mhux legittimu kontradittur:***

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut wara li eccepixxa fl-ewwel eccezzjoni l-infondatezza fil-fatt u fid-dritt tat-talbiet attrici, hija li hu mhux il-proprjetarju tad-*domain names* imsemmija u ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur. Dan kompla jsostnieh fin-nota tieghu a fol 736 fejn sostna li biex l-azzjoni attrici tista' tirnexxi, trid issir il-prova li l-*websites* huma proprjeta` tal-konvenuti. L-istess konvenut sostna li ma ngabet ebda prova li l-*websites* huma proprjeta` tieghu, izda minflok li l-konvenut gab il-prova li dawn huma propjeta` ta' Marin Medic li jghix fil-Kroazja u li ghalhekk jekk tirrizulta xi htija, huwa Medic li ghandu jirrispondi. Zied li Medic mhux parti fil-proceduri. Esebixxa d-dokument a fol 705 tal-process minn fejn jirrizultaw kemm l-*Administrative Contact* kif ukoll it-*Technical Contact* tal-yellowpagesmalta.com registrati fuq Medic. Fl-affidavit tieghu semma li hu kien iddecieda li jittrasferixxi l-proprjeta` tad-*domain names* (fol 702) u jsemmi li fil-fatt ittrasferihom lil Medic u li dawn ghadhom registrati fuq Medic.

Issa, huwa veru li dawn il-*web pages* huma registrati fuq Medic, izda dan kollu b'ebda mod ma jikkonvinci lill-Qorti li din kollha ma kenitx stratagemma ta' l-istess Neumann u li fil-fatt il-kontroll veru tal-*websites* huwa f'idejh. Infatti hu ghad ghandu kull interess jiggieled ghall-imsemmija *websites*, u dan iwassal ghall-konkluzjoni inevitabbli li l-imsemmi Medic huwa biss *presta nome*.

***D3. Sven Neumann, Samantha Statton u Planet Soft Limited:***

Meta wiehed jistudja l-provi fil-kawza odjerna bilfors ikollu jasal ghall-konkluzjoni li jekk hemm xi responsabbilta` u

drittijiet ta' l-attrici, dawn huma kontra Jurgen Neumann. Irrizulta li Sven Neumann huwa iben Jurgen li kien responsabbli ghall-konstruzzjoni tal-*web page*, izda ma jidhirx li kellu decizjonijiet ohra fl-impriza. Jekk thallasx jew le hija haga ohra, izda irrizulta li l-linja tieghu kienet limitata ghall-produzzjoni tal-*web page* u mhux ghat-tmexxija ta' l-impriza. L-attrici ma gabitx provi kontra dan, u l-affidavit tieghu a fol 708 isostni dawn il-fatti. Dan iwassal ghall-eskluzjoni ta' responsabbilta` diretta tieghu mit-talbiet attrici.

Fil-kaz ta' Planet Soft Limited, ma ngabitx prova li din kienet topera l-*websites*, kienet proprjetarja tal-*websites*. Gie esebit l-istatut ta' l-imsemmija kumpanija a fol 716 et u li minnu jirrizulta li din is-socjeta` kienet registrata fit-2 ta' April, 2003 (fol 721), meta l-kawza odjerna giet miftuha fil-25 ta' April, 2003, ghalhekk ma jistax ikun li l-infrazzjonijiet allegati mill-attrici setghu saru mill-imsemmija socjeta`. Dan iwassal ghall-eskluzjoni ta' responsabbilta` diretta kontra s-socjeta` msemmija ghat-talbiet attrici.

Samantha Statton, li isimha veru huwa Maria Dolores Buttigieg, qatt ma kienet il-proprjetarja ta' l-imsemmija *websites* u anqas ibbenefikat mill-uzu taghhom. Hi kienet is-*social partner* tal-konvenut Jurgen Neumann u kienet tiehu hsieb tirrispondi t-telefonati u anqas biss kienet imhallsa minhabba r-relazzjoni taghha mal-konvenut. B'ebda mod ma kienet involuta fit-tmexxija jew decizjonijiet u qatt ma kellha l-proprjeta`, kontroll jew amministrazzjoni ta' www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com (fol 709B). Dan iwassal ghall-eskluzjoni ta' responsabbilta` diretta taghha mit-talbiet attrici.

***<u>D4. L-aspett ta' responsabbilta` ta' Jurgen Neumann:</u>***
Apparti l-fatt li l-konvenut Jurgen Neumann jinsisti li l-*websites* gew trasferiti lil Medic, hu car li l-kontroll effettiv tal-*websites* huwa tieghu. Hu jammetti l-involviment tieghu f'dawn il-*websites* sa mill-bidu nett. Qal li kien hu li ha d-decizjoni li juza' l-*website* bhala direttorju *on-line*. Qal li kien hu li irregistra l-ismijiet ta' dawn il-*websites*

(“*domain names*”). Zied li kellu arrangament li “*the copyright of the product and the ownership of the domain name remained mine*”. Kien anke jmur ibigh ir-reklami fuq dawn il-*websites* meta kien jinsab f’qaghda finanzjarja hazina. Ghalhekk Jurgen Neumann huwa l-persuna responsabbli u ghandu jwiegeb ghat-talbiet attrici, jekk ippruvati.

***D5. Drittijiet ta’ l-awtur:***

F’dan l-istadju l-Qorti sejra tirreferi u tikkwota partijiet mis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Louis Cassar Pullicino *nomine* vs NCT International Trading Limited**, (Cit. Nru. 535/03FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta’ Settembru 2008, u sostanzjalment konfermata mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell fitt-3 ta' Dicembru, 2010. F’dik il-kawza, bazikament l-atturi talbu li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta vvjolat id-dritt ta’ awtur fix-xogholijiet artistici taghhom konsistenti f’*Admiralty Charts*. Dawn is-siltiet huma mehudin mid-decizjoni tal-Prim’Awla:

“Il-probabilita` li tirrepeti 10 darbiet l-istess 10 kelmiet bl-i*spelling* hazin jigi kunsidrat statistikament improbabbli. In-numru ta’ *spelling* hazin identiku hu misjub bhala evidenza teknika li l-*copyright* tal-prodott tan-NaviCharT tal-prodott CM93/2 giet maghmula mill-konvenut…

Jinghad li l-Kap 415, artikolu 7, jipprovdi li d-drittijiet tal-awtur f’xoghol artistiku jikkonsisti “… fid-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi l-ghemil f’Malta dwar il-materjal protett fit-totalita` tieghu jew f’parti sostanzjali minnu sew fl-ghamla originali tieghu sew f’xi forma miksuba b’mod li jingharaf sew mill-original ta’ xi wiehed minn dawn li gejjin…

(a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti, b’kull mezz u kull ghamla, ghal kollox jew parti minnu.”…

“Interessanti huwa dak li nsibu mill-awtur *Copinger and Skone James on Copyright*, 14th *edition page* 108 *et seq* fejn jinghad “*originally this connection does not mean that the work must be the expression of original or inventive thought. The originality required relates to the expression*

*of the thought … What is required is that work should originate from the author; it must not be copied from another work, for a mere copyist does not obtain copyright in his work. This is the true meaning of "original". A work may be original in this sense, even though the author has drawn on knowledge common to himself and others, or has used already existing material*"…

…Dan iwassal li wiehed jikkonkludi li min-naha tal-konvenuta ma sar ebda sforz jew process kreattiv biex tikkreja xoghol awtonomu indipendenti u originali…

…Element essenzjali tad-drittijiet tal-awtur huwa dejjem li xoghol artistiku jkollu element ta' originalita`…"

Dawn is-siltiet huma mehudin mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell:

"Illi l-*punto di partenza* f'din il-kawza ghandu jkun x'tip ta' xoghol l-atturi riedu li jigi protett bid-dritt ta' awtur, ghaliex huwa wara analisi akkurata u ezatta li ssir, li jkun jista' jigi determinat x'inhu dak li l-ligi tipprojbixxi lill-konvenuti milli jikkupjaw…

*…Copyright in an artistic work protects the visual elements of an author's expressive efforts – the outline, spatial composition, shapes, colours and so forth. On the other hand, copyright in a literary work, (where the work is specifically a compilation of data, facts of information) protects a different species of authorial expression altogether…*

…Illi l-partijiet qed jaqblu li, bhala regola, meta xoghol artistku jiddifferixxi sostanzjalment minn iehor, dan ma jkunx soggett ghad-dritt ta' awtur ta' haddiehor. Il-kwistjoni ghalhekk f'dan il-kaz hija jekk jirrizultax li x-xoghol prodott mis-socjeta` appellanti kienx xoghol indipendenti u awtonomu jew inkella kienx riproduzzjoni illecita tax-xoghol originali protetti favur l-atturi…

…Mill-aspett legali ghandu jinghad li fil-kaz ta' *copyright* hemm tlett principji fundamentali x'wiehed jikkunsidra. Dawn huma li:

*1. Copyright is infringed only when a defendant has copied from the copyright owner's work, as opposed to acts of independent creation.*

*2. Copyright is infringed only when either the work as a whole, or a qualitatively substantial part of that work, has been reproduced by defendant.*

3. *Copyright protection enjoyed by a work extends only as far as those elements of authorial expression that originate from the author. Copyright does not confer protection against merely copying ideas, facts or information that may be found within a work*… (Ong - Copyright and Cartography: Mapping the Boundaries of Infringement Liability.)…

… Illi l-kwistjoni jekk kienx hemm ikkupjar jew le mis-socjeta` appelanti hija wahda ta' fatt. Kif jinghad fis-sentenza **Designers Guild Ltd v Russell Williams (Textiles) Ltd** (2000): "*The question whether what has been taken constitutes "all or a substantial part of the copyright work" is a matter of fact and impression and is determined by its quality rather than its quantity*"…

…Kif jghid Lord Justice Jacob fil-kaz **Hyperion Records v Lionel Sawkins** (2005):
"*I think the true position is that one has to consider the extent to which the 'copyist' is a mere copyist – merely performing an easy mechanical function. The more that is so the less is his contribution likely to be taken as 'original'.*"…

…Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ahhar minn l-ahhar, l-ezami li jrid isir huwa dak li jsemmi Laddie fil kaz **Autospin (Oil Seals)** 1995**.**
"*It should be borne in mind that it is not enough to say that the defendant has 'used' the plaintiff's work. He must have 'reproduced' it*"…

…Huwa dan proprju li ghamlu l-appellanti. Huma mhux semplicement uzaw u hadu informazzjoni mix-xoghol tal-appellati imma huma sostanzjalment u estensivament irriproducewh kwalitativament partijiet sinifikanti tas-*source material* tal-appellati f'*vector charts* u ma gabu ebda prova li sar xi sforz jew process kreattiv da parti taghhom biex juru li kkrejaw xoghol awtonomu u indipendenti li huwa wkoll originali…

…*defendant has not been able to rebut the inference of copying by adducing adequate evidence of independent creation…*

…Fil-kaz **Billhofer Maschinenefabrik GmbH v. TH Dixon & Co** (1990) inghad li: "*It is the resemblance in inessentials, the small, redundant, even mistaken elements of the copyright work which carry the greatest weight. This is because they are least likely to have been the result of independent design.*"…

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-artikolu 3(4) tal-Kap 415 li jghid:
"(4) *Database* ma tkunx eligibbli ghad-drittijiet ta' l-awtur kemm-il darba minhabba fl-ghazla jew l-arrangament tal-kontenut taghha, tkun tikkostitwixxi l-kreazzjoni intellettwali ta' l-awtur.

Iktar minn hekk, id-drittijiet ta' l-awtur moghtija lil xi *database* ma ghandhomx jestendu ghall-kontenut taghha u ghandhom ikunu minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet kollha li jibqghu jezistu f'dak il-kontenut innifsu."

Sejra tikkwota wkoll l-istess sub-artikolu fit-test Ingliz peress li ma thossx li l-lokuzzjoni uzata fit-test Malti hi daqshekk felici:
"(4) *A database shall not be eligible for copyright unless by*
*reason of the selection or arrangement of its contents, it constitutes the author's intellectual creation. Moreover the copyright conferred to a database shall not extend to its contents and shall be without prejudice to any rights subsisting in such contents themselves*."

Dan iwassal ghall-fatt li drittijiet ta' l-awtur moghtija lil xi *database* m'ghandhomx jestendu ghall-kontenut taghha. Il-*Copyright* jirreferi ghall-forma u mhux ghall-kontenut u d-dritt ta' l-awtur huwa dejjem frott tal-kreativita` tax-xoghol. Mhix is-semplici kumpilazzjoni ta' *data* izda hija necessarja originalita` b'livell gholi u xoghol awtonomu indipendenti. Naturalment ikkupjar sostanzjali u estensiv ta' xoghol iwassal ghal ksur tad-drittijiet ta' l-awtur. L-arrangament tal-kontenut jassumi importanza fondamentali ghax huwa hu li jwassal ghall-krejazzjoni intellettwali ta' l-awtur, u mhux il-kontenut ta' l-istess.

L-istess nozzjoni hija moghtija fid-Direttivi tal-*European Parliament and Council*.

Il-konvenut ipprova jeccepixxi n-nuqqas ta' responsabbilta` tieghu minhabba l-interpretazzjoni tieghu ta' l-artikolu 3 tal-Kap 415. Isostni li l-uniku xogholijiet li jistghu jinkorporaw direttorju huma *databases*, liema kelma hija mfissra f'artikolu 2 tal-Kap 415. Infatti fl-istess artikolu 2 jinghad:
"*database*" tfisser gabra ta' xogholijiet indipendenti, *data* jew kull materjal iehor irrangati b'mod sistematiku jew metodiku u individwalment accessibbli b'mezzi elettronici jew mezzi ohra minghajr ma jkun mehtieg li dan il-materjal ikun gie fizikament mahdum b'mod organizzat izda ma jestendix ghal programmi ghall-*computer* li jintuzaw fl-ghemil jew fit-thaddim ta` *database* accessibbli b'mezzi elettronici komprizi fil-frazi "programm ghall-*computer*".

Hija ferm interessanti l-lokuzzjoni uzata fit-tarf tad-definizzjoni dwar xiex ma testendix. Izda l-konvenut jinsisti li l-informazzjoni li wiehed isib fil-ktieb Yellow Pages jikkonsisti semplicement f'indirizzi u numri tat-telefon, u ghalhekk huwa inkoncepibbli kif is-socjeta` attrici qed tippretendi li hija ghandha xi drittijiet ta' l-awtur fuq tali informazzjoni, u dana anki tenut kont tal-fatt li tali informazzjoni hija accessibbli minn hafna mezzi ohra, inkluz direttorji ohrajn.

Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Fil-fehma taghha meta gew prodotti l-Yellow Pages ta' Malta kien hemm originalita` fix-xoghol, fit-tqassim tas-sezzjonijiet diversi u fil-format li ntaghzel, u dawn iwasslu biex jinholoq id-dritt ta' l-awtur fuq ix-xoghol in kwistjoni. Kien hemm l-originalita` ta' xoghol awtonomu u indipendenti, u ghalkemm il-kontenut ta' l-istess individwalment mhux protett, il-forma generali hija frott tal-kreativita` tax-xoghol ta' l-attrici. Ix-xoghol tal-konvenut juri ikkupjar sostanzjali u estensiv tax-xoghol ta' l-attrici, b'mod li hafna postijiet jidhru identici ghalkemm dik tas-socjeta` attrici hija *hard copy* waqt li tal-konvenut hija *digital soft copy*. Interessanti wkoll huma l-izbalji li jinstabu fit-tnejn li huma professjonalment maghrufa bhala *spikes*, fejn ic-*chances* li dawn ikunu ripetuti huma fil-miljuni. Id-dritt ta' l-awtur jorigina mill-mod ta' kif gie ikkrejat ix-xoghol riferibbilment ghas-suq lokali, ghax il-kliem Yellow Pages bhala tali huma kliem internazzjonali. Huwa ovvju li fil-kaz in ezami x-xoghol gie ikkupjat u ma hemm ebda forma ta' ftehim ta' riproduzzjoni bejn l-attrici u l-konvenut.

Hawn mhux il-kaz li wiehed sab informazzjoni kontenuta go d-*database* u irriproduca xi partijiet minnha, izda hemm identicita` tax-xogholijiet. Id-differenza tinstab sostanzjalment fir-reklami li nstab il-bejgh taghhom. Il-ktieb "Yellow Pages" huwa fil-fatt irrangat b'mod sistematiku u metodiku. Il-varjeta` ta' l-informazzjoni migbura, u l-modi differenti ta' kif din giet imqassma u pprezentata, huma bla dubju kreazzjoni intellettwali – hija din il-kreazzjoni intellettwali li taghmel id-differenza kollha bejn il-"Yellow Pages" u direttorji ohra. Il-konvenuti ma gabu ebda prova dwar kif giet migbura l-informazzjoni, u certament sostanzjalment mhux mhux bl-industrija taghhom.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza fil-31 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet **General Soft Drinks Co. Ltd. vs Portanier Brothers Ltd** inghad:
"Kwantu ghal dak li huwa ikkupjar, huwa veru li tnejn minn nies jistghu jaslu indipendentement minn xulxin biex jipproducu l-istess bicca xoghol artistika, li tista' tkun addirittura identika. Izda meta jkun hemm similaritajiet li

jolqtu l-ghajn u jigi provat li x-xoghol ta' l-attur huwa aktar antik minn dak tal-konvenut, il-Qorti tkun tista' tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm ikkupjar minkejja spjegazzjoni diversa tal-konvenut."

Fil-kaz *de quo*, anke l-izbalji (*spikes*) gew riprodotti, u enormita` kbira ta' entries identici.

***D6. Ksur ta' drittijiet naxxenti mill-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta (Trademarks):***

Is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' diversi ismijiet u marki debitament registrati mal-awtorita` kompetenti u li jorbtuha mal-prodott "Yellow Pages". Uhud minnhom gew registrati recentement, ohrajn, fosthom il-kliem 'Yellow Pages' ilhom hekk registrati sa mill-1997.

L-attrici issostni li l-massa tal-gurisprudenza Maltija f'dan il-qasam tiffoka principalment fuq is-somiljanza ta' l-isem jew markju, s'intendi ghaliex id-disputa tkun bejn isem / markju simili. Fil-kaz in ezami l-isem li huwa kwazi l-istess [bid-differenza tad-.com]. Ukoll huwa isem identiku li qieghed jintuza fl-istess generu ta' negozju.

Il-konvenut sostna li l-kliem "Yellow Pages" huma kliem "*in common use*", u fil-fatt wiehed isib l-istess kliem fid-dizzjunarju, li taghti definizzjoni taghhom bhala *"a section of a telephone directory printed on yellow pages and grouping entries for businesses under the type of goods or services that they offer."*

Izda sabiex tigi invalidata *trademark* registrata hija mehtiega kawza *ad hoc* li fiha tintalab dikjarazzjoni ta' invalidita` tat-*trademark*, (**Martin Spiteri vs Emanuel Cachia** – Prim'Awla Imh. Tonio Mallia, 10 ta' Gunju, 2004). Il-konvenut li ddubita l-validita` tar-registrazzjoni tat-*trade mark u* irriserva li jikkontestahom fil-fatt ma ha ebda passi f'dan ir-rigward. Ghalhekk dawn it-*trade marks* kienu u ghadhom jezistu.

Importanti wkoll hu li l-Qorti tirrimarka li mill-provi prodotti jirrizulta li l-marki "Yellow Pages" u "White Pages" gew registrati f'isem is-socjeta` attrici f'April 2004 u cioe` sena

wara li kienet infethet il-kawza odjerna, liema kawza giet intavolata fil-25 ta’ April 2003.

Jinghad li *Trademark* registrata hija proprjetà miksuba bir-registrazzjoni tat-*trademark* taht il-Kap 416 u li l-proprjetarju ta’ *trademark* registrata jkollu d-drittijiet u r-rimedji provduti fil-Kap 416. *Trademark* registrata hija proprjetà personali ta’ sidha. Hu jkollu d-drittijiet eskluzivi dwar dik it-*trademark*. Izda hu importanti li wiehed jirreferixxi ghal dak li jghid l-artikolu 9 (3) li d-drittijiet tal-proprjetarju jkollhom effett mid-data tar-registrazzjoni. Infatti ma jistghu jinbdew ebda procedimenti ta’ kontravvenzjoni qabel id-data meta t-*trademark* tkun fil-fatt registrata. Persuna tikkontravvjeni *trademark* registrata meta fil-kors tal-kummerc tuza sinjal li jkun identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta’ oggetti jew servizzi li jkunu identici ma’ dawk li dwarhom it-*trademark* tkun registrata. Persuna tikkontravvjeni *trademark* registrata meta fil-kors tal-kummerc tuza sinjal li jkun simili ghat-*trademark* u jintuza ghar-rigward ta’ oggetti jew servizzi identici ma’, jew simili ghal dawk li dwarhom it-*trademark* tkun registrata, ikun hemm probabbiltà ta’ konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza l-probabbiltà ta’ assocjazzjoni mat-*trademark*. Kontravvenzjoni ta’ *trademark* registrata hi azzjonabbli mill-proprjetarju tat-*trademark*.

Hu interessanti li t-*trademarks* in kwistjoni gew registrati mill-attrici f’April, 2004 waqt li l-kawza intavolata fil-25 ta’ April, 2003. Din ir-registrazzjoni kienet wahda lokali ghax ma tezistix registrazzjoni internazzjonali fuq hadd mill-partijiet. Peress li l-proceduri odjerni gew intavolati fid-data msemmija s-socjeta` attrici ma kellha ebda drittijiet naxxenti mill-Kap. 416 u l-azzjoni taghha rigward xi ksur da parti tal-konvenut *ai termini* ta’ l-istess Kap 416 qatt ma tista’ tirnexxi.

***<u>D7. Konkorrenza zleali (Kap13 art 32):</u>***

Is-socjeta` attrici kienet u ghadha primarjament involuta fil-produzzjoni tal-“Yellow Pages” ghal diversi snin u qabel ma l-konvenut ghamel il-web pages *de quo.*

L-attrici tinsisti li bla dubju l-isem ta' dawn il-*websites*, u b'mod partikolari dak bl-isem www.yellowpagesmalta.com ghandhom somiljanza netta mal-isem tas-socjeta` attrici mal-prodott taghha.

Fil-kors tal-kawza saru provi dwar is-somiljanza li tikkrea konfuzjoni f'mohh il-pubbliku u l-klijentela ta' l-attrici. *Essendo* negozju fl-istess qasam – ghalkemm taht *medium* differenti – is-socjeta` attrici sabet ruhha tikkompeti ma' min essenzjalment qieghed jipprova jirkeb l-isem u reputazzjoni taghha. Dan jammonta ghal konkorrenza zleali in kwantu l-konvenuti nqdew bl-isem stabbilit ta' l-attrici u tal-prodott rinomat taghha, sabiex imexxu s-servizzi / prodotti taghhom.

L-artikolu 32 tal-Kap 13 jghid hekk:
"32. Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka
jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn haddiehor, ukoll
jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skond l-Att dwar it-*Trademarks*, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu lil haddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta."

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Carmela Mizzi vs Joseph Attard** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fid-9 ta' Mejju, 1997 inghad li sabiex ikun hemm konkorrenza mhux leali, il-konkorrenza trid tkun tali li tohloq konfuzjoni ghall-istess generu ta' negozju u qeghdin joffru ghall-bejgh oggetti simili.

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Pio Valletta vs Charmaine Fenech *nomine*** deciza fit-23 ta' Jannar 1998 mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri inghad li meta hemm allegazzjoni ta' konkorrenza zleali ibbazata fuq il-konfuzjoni li prodott jista' jqajjem fil-konsumatur, il-possibilta` ta' konfuzjoni hija bizzejjed u ghalhekk ma hemmx bzonn li ssir prova li l-prodotti gew realment konfuzi. Il-kriterju li ghandu jigi wzat biexi jigi stabbilit l-

element ta' konfuzjoni huwa l-kriterju li normalment ghandu jigi wzat minn bniedem ordinarju ragjonevoli. Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **M. Agius Vadala *nomine* vs A. Mizzi *et nomine*** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Awissu 1990, gie ritenut li l-kliem *lawfully used* ma jippostulawx necessarjament il-propjetarju jew manifattur ta' prodott izda jinkludu wkoll lir-rapprezentant. Ukoll hu sufficjenti l-aspett potenzjali tad-danni u mhux necessarju li dan ikun attwali. Il-Qorti trid tara jekk konsumatur jistax ihawwad prodott mal-iehor li jrid jixtri u ghalhekk jixtri l-iehor. Ghalhekk wiehed irid jara l-kliem, kuluri, stampi u prezentazzjoni. Ghandu dritt jagixxi fuq konkorrenza zleali anke r-rapprezentant u mhux biss il-produttur. Fil-kawza **Brian Mizzi *et nomine* vs Stephen Gatt *et nomine*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili fit-28 ta' Jannar 2000 inghad li l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc hu intiz fuq kollox bhala protezzjoni ta' l-interessi tal-kummercjant li jkun diga qed jokkupa s-suq u jkun investa fil-promozzjoni tieghu tad-determinata tikketta, marka jew isem u jipprovdi mizura ta' protezzjoni kontra l-konkorrenza zleali. Il-konkorrenza libera u leali hija permessa, dik zleali hija ipprojbita. L-elementi essenzjali li jikkostitwixxu l-artikolu 32 huwa s-somiljanza u l-potenzjal ta' tahwid; ghalhekk l-element tal-qerq jew tal-frodi mhuwiex strettament rikjest biex ikun ipprojbit l-uzu ta' isem, marka, jew sinjal distintiv iehor li jista' joloq konfuzjoni [*Vide* **Macpherson Mediterranean Ltd vs Compost Ltd** digriet moghti per Imh. Noel Arrigo fil-mandat ta' inib. Numru 4317/96, **Alfredo Barbara vs Giuseppe Barbara** deciz Qorti tal-Kumm. 31.5.1932, **G. Vella Zarb *noe* vs G. Portelli *et noe***, deciz Qorti tal-Kumm. 30.6.1936, **Alfredo Mizzi vs Emanuele Frendo** [Vol. XXVIII, pt. 1, p. 776], **Colombos vs Lee** (Vol. XXVIII pt. III p.1057), **Colombos vs Spiteri Mallia** deciz 4.3.1940, **Peter Muscat Scerri *noe* vs Paul Bonnici et** deciz 8.7.1980, **Tanti Palmier vs Caruana Curran** deciz 14.1.1965, **Montanaro Gauci vs Cassar** dciz 20.1.1964] Fis-sentenza fl-ismijiet **David Calleja Urry *nomine* vs Peter Muscat Scerri *nomine*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili fit-28 ta' April, 2000 intqal li l-kriterju li ghandu jigi uzat biex jigi stabbilit l-element ta' konfuzjoni huwa l-kriterju li normalmet ghandu jkun uzat minn

bniedem ordinarju. Dan ifisser li ghandhom importanza kemm l-element viziv tal-marka, f'dan il-kaz, kif ukoll l-element fonetiku ta' kif tinqara u tinstema' l-marka. Ara wkoll **Martin Spiteri vs Emanuel Cachia** deciza minn din il-Qorti – Imh. Tonio Mallia fl-10 ta' Gunju, 2004. Fis-sentenza ta' din il-Qorti - Imh. Geoffrey Valenzia deciza fid-29 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Clamus Ltd vs Mark Vella** inghad li:
"r-registrazzjoni ta' *domain name* da parti tal-konvenut b'*trade name* appartenenti lis-socjeta` attrici bl-iskop li wara ibieghulha kien jammonta ghal att ta' konkorrenza zleali."

Ghalhekk l-elementi essenzjali li jikkostitwixxiu l-artikolu 32 huwa s-somiljanza u l-potenzjal ta' tahwid. Biex jigi ippruvat dan l-artikolu jrid jirrizulta konfuzjoni f'mohh il-bniedem ordinarju dwar oggetti ta' l-istess generu ta' negozju li jkunu qeghdin joffru ghall-bejgh oggetti simili. Il-Qorti tkun trid tara jekk konsumatur jistax ihawwad prodott mal-iehor, u ghalhekk l-element tal-qerq jew tal-frodi mhuwiex strettament rikjest.

Ghalhekk fil-kaz in ezami l-elementi kollha rikjesti sabiex jinghad illi saret konkorrenza zleali, giew ipprovati, *ossia*:
(a) l-isem jew marka tad-ditta konvenuta jrid ikun l-istess jew simili;
(b) il-marka jew isem jistghu jikkrejaw konfuzjoni fil-mohh tal-konsumatur normali;
(c) il-konfuzjoni tista' ssehh biss jekk il-kummercjanti jkunu fl-istess sfera ta' kummerc jew simili ta' xulxin; kliem identiku u fl-istess generu;
(d) il-konkorrenza trid issehh fl-istess arja geografika.

***<u>D8. Rimedji mitluba:</u>***
Is-socjeta` attrici sostniet diversi talbiet dwar l-ilmenti taghha. Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, l-attrici irreferiet ghall-artikolu 43 tal-Kap 415 u senjatament ghal dak li jistipula li kull min hu responsabbli ghal ksur ghandu jwiegeb ghad-danni subiti. Is-sub-inciz 2 ta' l-istess disposizzjoni ikompli jzid illi f'kazijiet flagranti l-parti leza tkun intitolata ghal danni ulterjuri. Saret referenza ghall-

i*spikes* u li ghalhekk il-konvenut Neumann ghandu jwiegeb ghad-danni.

L-artikolu 43 tal-Kap 415 jghid hekk:
“43. (1) Meta xi hadd jikser id-drittijiet ta’ l-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet *sui generis* fuq xi xoghol huwa jkun jista’, fuq istanza tal-proprjetarju ta’ dawk id-drittijiet ta’ l-awtur jew ta’ detentur ta’ drittijiet, jigi kundannat mill-Qorti Civili, Prim’Awla ghall-hlas tad-danni jew ghall-hlas ta’ penali li tigi stabbilita skond skala ta’ multi li tigi preskritta mill-Ministru, kif dik il-Qorti, wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz, jidhrilha xieraq, u ghar-restituzzjoni tal-qligh kollu li jkun sar mill-kontravvenzjoni tad-drittijiet ta’ l-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet *sui generis:*

Izda meta l-konvenut igib prova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li fiz-zmien tal-kontravvenzjoni ma kienx jaf u ma setghax ikun ragonevolment mistenni li jkun jaf li kienu jezistu drittijiet ta’ l-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet *sui generis* fuq ix-xoghol li ghalih l-azzjoni tirriferixxi, il-Qorti ma ghandhiex tikkundannah
ghar-restituzzjoni tal-qligh.”

Is-socjeta` attrici irreferiet ghall-kalkoli minnha prezentati li gew mahduma fuq il-*costings* taghha, kif ukoll fuq il-prezzijiet li irrizultaw kwotati mill-istess konvenuti ghar-reklamar fuq il-*websites* koncernati. Ghalhekk il-Qorti, *arbitrio boni viri*, tasal ghall-figura ta’ €35,000. Ukoll, il-konvenut Neumann, m’ghandux jibqa’ jopera s-siti in kwistjoni (ghalkemm konxja li dana sab *presta nome* lil Medic).

Dwar l-aspett tal-konkorrenza zleali, jinghad li l-iskop ta’ dawn is-siti kien li jsir negozju. L-artikolu 37 ta’ dan il-Kap jiddisponi li kummercjant illi jikser il-limiti ta’ konkorrenza stabbiliti fl-artikoli precedenti “hu suggett ghall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijiet jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghal penali.” Fil-kaz in ezami l-attrici *qua* “kummercant danneggjat” ghazlet l-azzjoni ghad-danni, u bhala danni din il-Qorti tiffissa s-somma ta’ €15,000. A tenur tal-ligi dak kollu li jkun sar kontra l-projbizzjonijiet ghandu jigi meqrud, u ghalhekk il-*websites* li permezz

taghhom il-konvenut wettaq dan il-ksur ghandhom jigu mnehhija.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Jinghad li dwar Hotelmedia Limited li kienet kontumaci ma ngabet ebda prova.

Ghal dawn il-motivi, ghal dak li hemm imsemmi taht “D2”, tichad l-eccezzjoni ta’ Jurgen Neumann li mhux il-legittimu kontradittur.

Dwar l-eccezzjoni ta’ Sven Neumann, Samantha Statton u Planet Soft Limited, ghar-ragunijiet imsemmija taht “D3”, dawn huma milqugha.

Ghal dak imsemmi taht “D4”, “D5” u “D7”, hija ippruvata r-responsabbilta` ta’ Jurgen Neumann dwar id-drittijiet ta’ l-awtur u l-konkorrenza zleali.

Ghal dak li jissemma taht “D6”, it-talba ghar-responsabbilta` dwar *Trade Marks* hija michuda.

Riferibbilment ghar-raba’ eccezzjoni ta’ Jurgen Neumann li t-tmexxija u kumpilazzjoni tal-*websites* kienet primarjament f’idejn is-socjeta` International Commerce and Services Limited, din is-socjeta` mhix parti fil-kawza u ghalhekk il-Qorti ma tistax tipprovdi dwarha, izda irrizulta sufficjentement ippruvat l-involviment totali ta’ Jurgen Neumann fis-*sites* imsemmija.

Tichad l-ghaxar eccezzjoni.

Tiddikjara li r-riproduzzjoni, modifikazzjoni jew uzu iehor li sar, u li ghadu jsir mill-"Yellow Pages" jew partijiet minnu, fuq il-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet ta' *copyright* tas-socjeta` attrici, skond il-Kap 415.

Tiddikjara lill-konvenut Jurgen Neumann unikament responsabbli ghall-ksur surriferit.

Tiddikjara lill-konvenut Jurgen Neumann unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici kagun tal-ksur surriferit.

Tillikwida dawn id-danni, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz, izda mhux biss, il-flagranza u l-beneficcju derivat minn dan l-abbuz, a tenur ta' l-artikolu 43 (2) tal-Kap 415 fl-ammont ta' €35,000.

Tikkundanna lill-konvenut Jurgen Neumann sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata.

Tordna lill-konvenut Jurgen Neumann sabiex ihassar jew jiddistruggi l-*websites* www.yellowpagesmalta.com u www.whitepagesmalta.com.

Tiddikjara lill-konvenut Jurgen Neumann hati ta' konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta` attrici, minhabba s-somiljanza netta f'isem is-sit www.yellowpagesmalta.com, ma' l-isem u l-prodott tas-socjeta` attrici, u dan a tenur ta' l-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc.

Tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici kagun tal-konkorrenza zleali indikata fl-ammont ta' €15,000, u tordna lill-istess konvenut ma jibqax jopera b'dan il-mod.

Tikkundanna lill-konvenut Jurgen Neumann sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata, in linea ta' danni.

Spejjez riferibbli ghal Sven Neumann, Samantha Statton u Planet Soft Limited bla taxxa, spejjez l-ohra 5/6 kontra Jurgen Neumann u 1/5 kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------